SANNAT

Minuti tas-sittin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Diċembru 2012 fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

Item 1 Approvazzjoni ta' *interim payment* tax-xogħlijiet tal-kostruzzjoni tal-Bidwi Park

2533 Il-perit bagħat l-ewwel kont (interim payment) tal-kostruzzjoni tal-Bidwi Park li kien ta' €34,399.24. għaliex irid jkun għand il-Paying aAency sal-10 ta' Diċembru 2012. Hu qal ukoll li sa l-aħħar ta' Diċembru 2012 ser jipprova rressaq kont ieħor biex jiġi approvat mill-Kunsill sa l-aħħar ta' Diċembru 2012 biex tkun intlaħqet is-somma ta' €50, 000 skont dak previst sal-aħħar kwart tas-sena.

Ix-xogħol li tlesta kien jikkonsisti f'xogħlijiet il saru fil-water reservoir, fil-paving works, fil-public convenience construction u parti mil- ħlas tal-project management and technical consultancy tal-perit. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li perit ma jistax jkun project manager tal-istess project. Dwar dan ġa kien informa lill-Kunsill f'laqgħat oħra għaliex ġa kien hemm il-każ tal-Mosta. Il-Kunsill approva l-kont.

2534 Rigward il-proġett ta' Triq Skerla, il-Kunsill qabel li jekk jibqa xi flus li mhux ser jintefqu mill-EcoGozo jintużaw biex isir parking tal-konkos fl-istess proġett.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

SANNAT